**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum il-Hamis, 18 ta' Marzu 2021**

Numru 9

**Rikors Nru. 37/2020**

**Edgar Del Valle Yendez Gonzalez**

**vs**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tas-17 ta' Frar 2020 li jghid hekk:

Illi fid-29 ta' Lulju 2015 l-esponenti tressaq taht arrest mill-Pulizija (Spetturi Jonathan Cassar u Herman Mula) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja presjeduta mill-Magistrat Dottor Anthony Micallef Trigona u gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, jew barra minn dawn il-gzejjer, fis-27 ta' Lulju, 2015 u fil-jiem ta' qabel din id-data:-

a) Assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-gzejjer jew barra minn dawn il-gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika f'dawn il-gzejjer medicina (kokajina), bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assocjazzjoni sabiex tigi importata f'Malta id-droga kokajina u dan bi ksur tal-Artikolu 22(1) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Importa, jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) Kellu fil-pussess tieghu id-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-

pussess ta' awtorizzazjoni ghal-importazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni, jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall uzu esklussiv tieghu.

u kif ukoll talli fil-lejl ta' bejn it-28 u 29 ta' Lulju 2015:

d) Hrabt mill-kustodja tal-persuna jew tal-persuni inkarigati mill-kustodja tieghek;

e) ma obdejtx l-ordnijiet legittimi ta' PS1086 Johann Micallef, ufficjal pubbliku inkarigat mis-servizz pubbliku, jew ma hallejtx, jew fixkilt waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indhalt fi dmiru, billi ma hallejtx lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gibt fix-xejn jew hassart dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan indhil ma jkunux jaqghu taht disposizzjonijiet ohra ta' dan il-Kodici jew ta' ligi ohra;

Il-Qorti hija ukoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ukoll mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali il-flejjes u l-proprjeta mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-imputat jew huma proprjeta tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tiprojbixxi lill-imputat milli jitrasferixxi jew jew xorta ohra jiddisponi minn xi proprjeta mobbli jew immobbli, ai termini tal-artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fit-13 ta' Awwissu, 2015, inghata digriet mill-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, din id-darba ippresjeduta mill-Magistrat Neville Camilleri, illi permezz tieghu l-istess Qorti, wara illi stqarret illi kienet inghalqet il-kumpilazzjoni tal-provi kollha migjuba quddiemha kontra l-imputat, iddecidiet illi hemm ragunijiet bizzejjed biex jitqieghed taht att ta' akkuza u ghalhekk baghtitu biex joqghod taht dak l-att quddiem il-qorti kompetenti u ordnat illi l-attijiet tal-kumpilazzjoni jintbaghtu lill-avukat generali fiz-zmien moghti mil-ligi flimkien mal-oggetti illi ghandhom x'jaqsmu mal-htija.

Illi l-fuq imsemmi digriet inghata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja ai termini tal-Artikolu 401(1) tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi l-imsemmi Artikolu 401(1) tal-Kodici Kriminali, li jitratta dwar iz-zmien ghall-eghluq tal-kumpilazzjoni, jirrikjedi illi l-kumpilazzjoni ghandha tinghalaq fi zmien xahar, illi, ghal raguni tajba, jista' jigi mgedded mill-President ta' Malta ghal perijodi ohra kull wiehed minnhom ta' xahar, u kull tigdid bhal dan ghandu jsir fuq talba bil-miktub

maghmula mill-qorti: izda z-zmien fuq imsemmi ma ghandux b'kollox jigi hekk ingedded ghal aktar minn tlett xhur; u b'zieda ma dan l-istess paragrafu (1) tal-Artikolu 401 tal-Kodici Kriminali jkompli jipprovdi illi kemm-il darba ma jkunx inghata l-helsien mill-arrest, l-akkuzat ghandu jingieb quddiem il-qorti ghall-anqas darba kull hmistax-il gurnata sabiex il-qorti tiddeciedi jekk ghandux jibqa' arrestat.

Illi l-Artikolu 401(2), li jitratta dwar meta l-akkuzat jinbaghat biex jitqieghed taht att ta' akkuza jew jigi Iliberat, jipprovdi imbaghad illi meta tinghalaq il-kumpilazzjoni, il-qorti ghandha tiddeciedi jekk ikunx hemm jew ma jkunx hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza. Fl-ewwel kaz, il-qorti tibghat l-imputat biex jitqieghed taht dak l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali, u, fit-tieni kaz, tordna l-liberazzjoni tieghu.

Illi l-logika ta' dana kollu huwa ibbazat fuq il-fatt illi il-Qorti tista' biss tiddeciedi kuxjenzjozament dwar jekk ikunx hemm jew ma jkunx hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza, anke jekk dan kollu jsir a bazi ta' ezami prima facie, wara illi tkun gabret il-provi kollha migjuba quddiemha mill-prosekuzzjoni, u mhux qabel. Dan l-ezami li ghandu jsir mill-Qorti, u din id-decizjoni li ghandha tinghata mill-istess Qorti, ghalkemm fil-kwalita taghha bhala qorti istruttorja, hija ta' importanza kbira, wisq aktar ghalkemm mhux biss f'dawk il-kazijiet fejn l-imputat ikun ghadu qieghed jinzamm taht arrest preventiv, il-ghaliex f'kaz illi l-Qorti kellha tiddeciedi illi ma hemmx ragunijiet bizzejjed sabiex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza, l-istess imputat ikun jista' jikseb immedjatament il-liberazzjoni tieghu.

Illi a skans ta' kull ekwivoku, l-Artikolu 402(1) sussegwenti tal-istess Kodici Kriminali imbaghad jitratta bic-cirkostanzi specifici li fihom isehh it-twaqqif skont il-ligi taz-zmien ghall-kumpilazzjoni, izda l-ebda wahda mir-ragujnijiet hemm moghtija ma japplikaw ghall-kaz tar-rikorrent, u fil-fatt fl-ebda stadju ma gie invokat dana l-Artikolu la da parti tal-Qorti kif lanqas da parti tal-prosekuzzjoni. Ghall-kuntrarju, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja ddikjarat illi kienet inghalqet il-kumpilazzjoni tal-provi kollha migjuba quddiemha kontra l-imputat, u iddecidiet ukoll illi hemm ragunijiet bizzejjed biex jitqieghed taht att ta' akkuza.

Illi huwa veru illi ai termini tal-Artikolu 405(1) il-qorti, wara li tibghat l-atti biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza skond kif fuq premess, u qabel ma jigi pprezentat l-att tal-akkuza, b'talba bil-miktub tal-intimat Avukat Generali, ghandha taghmel mistoqsijiet ohra lix-xhieda li jkunu gia instemghu jew tisma' xhieda godda; u li ghal dan il-ghan l-istess intimat Avukat Generali ghandu, ai termini tal-paragrafu (2) tal-istess artikolu tal-ligi, jibghat lill-qorti l-atti tal-kumpilazzjoni flimkien mat-talba tieghu bil-miktub, li fiha ghandu jfisser fuqhiex ghandu jsir l-ezami jew l-ezami mill-gdid tax-xhieda; u huwa veru wkoll illi l-Artikolu 401(3A) meta l-qorti tqieghed lill-imputat taht att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali, il-qorti ghandha wkoll taggorna l-kaz ghal data ohra, li tkun data mhux aktar kmieni minn xahar izda mhux aktar tard minn sitt (6) gimghat mid-data tal-aggornament; u li l-Qorti ghandha taghmel l-istess wara li tkun irceviet lura mill-Avukat Generali l-atti tal-kumpilazzjoni u qabel ma tibghat l-atti lura lill-istess Avukat Generali.

Izda r-regola assoluta u predominanti tibqa' illi l-ligi trid illi l-kumpilazzjoni tinghalaq fi zmien massimu ta' xahar, liema perjodu jista' jiggedded ghal peijodi ohra ta' xahar kull wiehed sa perjodu massimu assolut ta' tlett xhur ohra sakemm ma jkunx

applikabbli xi raguni ghat-twaqqif skont l-artikolu 402(1); u d-dritt eccezzjonali tal-intimat Avukat Generali li jitlob ir-rinviju tal-atti tal-kumpilazzjoni qabel ma jipprezenta l-att tal-akkuza ghandu jigi interpretat b'mod ristrettiv tenut kont tar-regola, u limitat biss ghas-smigh mill-gdid ta' xi xhud li jkun gia instema' (u cioe, u kif qed jigi sottomess mir-rikorrent, f'kaz ta' xi bzonn ta' kjarifika jew amplifikazzjoni) jonkella ta' xi xhud gdid (u cioe, u kif qed jigi wkoll sottomess mir-rikorrent, fil-kaz ta' xi xhud illi jkun gie a konjizzjoni tal-Avukat Generali wara illi tkun inghalqet il-kumpilazzjoni izda qabel ma jkun gie pprezentat l-att tal-akkuza, liema xhud ghalhekk ma setghax jigi prodott mill-prosekuzzjopni u jinstema' mill-Qorti istruttorja waqt l-istadju ta' kumpilazzjoni).

Il-ligi certament illi ma tippermettix illi jsiru rinviji multiplici, wisq anqas rinviji multiplici tul il-kors ta' tlett (3) snin sabiex ikunu jistghu jinstemghu xhieda illi kienu sa mill-bidu nett diga maghrufa mill-intimat Avukat Generali. Difatti, l-Artikolu 407 tal-Kodici Kriminali li jitratta dwar iz-zmien li fih ghandha tinghalaq il-kumpilazzjoni fil-kaz ta' smigh ta' xhieda godda jipprovdi bl-aktar mod car illi fil-kaz imsemmi fl-artikolu 405 il-kumpilazzjoni ghandha tinghalaq fiz-zmien li jinghad fil-fuq riferit artikolu 401(1) tal-istess Kodici Kriminali, liema zmien jibda jghodd minn dakinhar li l-qorti tkun irceviet l-atti.

Illi jirrizulta illi sal-lum il-gurnata il-kumpilazzjoni tal-provi fil-konfront tar-rikorrent fil-fatt ghadha ghaddejja quddiem l-istess Qorti, u bhalissa l-istess atti tal-kumpilazzjoni jinsabu rinvijati ghand l-Avukat Generali u l-proceduri jinsabu differiti ghal quddiem l-istess Qorti tal-Magistrati ghas-seduta tal-24 ta' Marzu 2020 fid-9.00 a.m. Ghalhekk ma sarx dak illi kienet ordnat il-Qorti fil-fuq imsemmi digriet taghha billi l-Avukat Generali ghadu sal-lum ma hareg l-ebda att tal-akkuza u l-esponent fil-fatt ghadu ma ntbaghatx sabiex joqghod taht dak l-att quddiem il-Qorti kompetenti izda ghadu ghaddej mill-proceduri ta' kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja.

Illi minkejja dan l-abbuz tad-dritt kollu da parti tal-intimat Avukat Generali, u kif jirrizulta mill-ahhar rinviju datat 6 ta' Frar 2020, l-istess intimat Avukat Generali ghadu qed jinsisti li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja (a) tisma' lil certu Analdo Venghaus illi kontra tieghu ghadhom pendenti proceduri ohra ta' kumpilazzjoni izda li sallum qatt ma tressaq mill-istess prosekuzzjoni bil-ghan li jigi mistoqsi daparti tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhal Qorti Istruttorja, wara debita twissija, jekk ghandux oggezzjoni illi jixhed f'dan l-istadju; (b) tisma lil Joseph Mallia sabiex jespleta l-inkarigu moghti lilu, liema inkarigu ilu illi gie hekk moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja sa mis-26 ta' April 2018 (wara talba tal-intimat Avukat Generali maghmula originarjament fir-rinviju tieghu tat-18 ta' Settembru 2015 u ripetutament sa dakinhar tal-hatra; (c) tisma lil certa persuna li jisimha Valerie Cerello, liema xhud hija ta' cittadinanza barranija u ma tistghax tinstab mill-istess prosekuzzjoni; (d) tisma lill-Ufficjali tal-Pulizija (li ma gewx minnu identifikati) li kienu / ghadhom attivament involuti fl-investigazzjoni tal-kaz odjern u (e) tisma u tiehu konjizzjoni ta' kull prova ohra li l-pulizija jidhrilha xierqa li tressaq.

Illi ghandu jigi osservat ukoll illi l-ebda wiehed mix-xhieda rimanenti fuq imsemmija ma jista' jigi kklassifikat bhala xhud "gdid" kif jissemma fil-fuq riferit Artikolu 405(1) tal-Kodici Kriminali, u dana billi l-istess xhieda kienu maghrufin sewwa mill-prosekuzzjoni sa mill-bidu nett tal-preceduri u sahansitra sa anke minn qabel mal-

esponent tressaq taht arrest u gie akkuzat mill-Pulizija quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhal Qorti Istruttorja.

Ghalhekk kull nuqqas fil-produzzjoni ta' dawn ix-xhieda fil-waqt propizju qabel mall-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) bhal Qorti Istruttorja ghaddiet sabiex taghti l-fuq imsemmi digriet taghha tat-13 ta' Awwissu 2015 wara li nghalqet il-kumpilazzjoni tal-provi kollha migjuba quddiemha kontra l-esponent huwa ghalhekk imputabbli u attribwibbli biss lill-prosekuzzjoni li ma hadet l-ebda kura responsabbli sabiex tipproducihom fl-istadju opportun tal-kumpilazzjoni u fiz-zmien illi tezigi l-ligi.

Illi fuq kollox ghal finijiet ta' dan ir-rikors, il-fatt indisputabbli huwa fis-sens illi minkejja illi sallum il-gurnata ghaddew iktar minn erba' (4) snin u sitt (6) xhur minn meta l-esponent tressaq taht arrest mill-Pulizija quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhal Qorti Istruttorja u akkuzat skond kif fuq premess, il-proceduri tal-kumpilazzjoni ghadhom effettivament ma nghalqux, izda ghall-kuntrarju ghadhom ghaddejin b'mod interminabbli quddiem l-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) bhal Qorti Istruttorja.

Illi dana kollu qieghed isehh b'ebda htija da parti tal-esponent, izda unikament minhabba l-fatt illi l-intimat Avukat Generali qieghed manifestament jabbuza mill-poter u fakolta illi ittieh il-ligi ai termini tal-fuq imsemmi Artikolu 405(1) tal-Kodici Kriminali.

Illi mill-fuq premess jirrizulta ghaldaqstant car u manifest illi r-rikorrent sofra, u ghadu qieghed isofri, ksur lampanti tad-dritt fundamentali tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli kif protett fl-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fundamentali; u ai termini tal-Artikolu 13 tal-imsemmija Konvenzjoni l-esponent ghandu dritt li jinghata rimedju effettiv fil-konfront ta' dan il-ksur, tenut kont partikolarment tac-cirkostanzi ghal kollox frustranti u inaccettabbli tal-kaz odiern.

Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara u tiddeciedi li permezz tal-operat tal-Artikoli 401, 405 u 407 tal-Kodici Kriminali fil-proceduri tal-kumpilazzjoni Numru 604/2015 fl-ismijiet "il-Pulizija (Spetturi Jonathan Cassar u Herman Mula) kontra Edgar Del Valle Yendes Gonzalez" liema preceduri ghadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, gie miksur id-dritt fundamentali tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli protett fl-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fundamentali u konsegwentement tenut kont ukoll tal-provvedimenti ta-lArtikolu 13 tal-imsemmi Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fundamentali, tipprovdi dawk ir-rimedji effettivi u taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xieraq sabiex twettaq, jew tassigura t-twettiq tad-disposizzjonijiet tal-imsemmija Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fundamentali.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-intimat li tghid hekk:

Illi permezz tar-rikors promotur ir-rikorrent qiegħed jallega ksur tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq kif jipprovdi l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ibbazat fuq l-ilment li l-proceduri kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Edgar Del Valle Yendez Gonzalez qed idumu biex jigu konkluzi.

Illi esponenti jirrespingi l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi jibda biex l-artikolu 405(1)(2) tal-Kodici Kriminali jipprefiggi l-mod ta' kif ghandhom jingabru l-provi u jigu ezaminati x-xhieda f'kumpilazzjoni. Quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Bhala Qorti Istruttorja). Dan l-artikolu jistipula s-segwenti:
405.(1) Il-qorti, wara li tibghat l-atti biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza u qabel ma jigi ipprezentat l-att tal-akkuza, b'talba bil-miktub tal-Avukat tenerali, ghandha taghmel mistoqsijiet ohra lix-xhieda li jkunu ga insemghu jew tisma xhieda godda.
(2) L-Avukat Generali ghandu, ghal dan l-iskop, jibghat lill-qorti l-atti tal-kompilazzjoni flimkien mat-talba tieghu bil-miktub, u fiha ghandu jfisser fuqhiex ghandu jsir l-ezami jew l-ezami mill-gdid tax-xhieda.

Illi ghalhekk wara l-Qorti tiddeciedi illi hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza u ghalhekk tibghatu biex joqghod taht dak l-att quddiem il-Qorti kompetenti (id-digriet tal-prima facie), u qabel ma jigi pprezentat l-att ta' akkuza, dan l-artikolu jaghti s-setgha lill-Avukat Generali sabiex jirrinvija lura l-atti protesswali lill-Qorti Istruttorja fejn huwa jitlob lil dik l-istess Qorti sabiex tisma x-xhieda elenkati fir-rinviju bil-ghan li jingabru l-provi favur u kontra l-imputat u bil-ghan li tinkixef il-verita.

Illi l-esponent jirrileva li ma jkunx hemm iktar xhieda x'jitressqu fil-proceduri meta l-Avukat Generali ma johrogx iktar rinviji biex ikompli jinstemghu x-xhieda u konsegwentement jipprezenta l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali jew inkella jibghat ir-rinviju ghall-gudizzju (l-artikoli) quddiem il-Qorti tal-Magistrati fejn hemmhekk jinghalaq l-istadju tal-gbir tal-provi. Di piu' huwa paéifiku u legittimu li jekk ghad fadal aktar provi x'jitressqu 1-Avukat Generali, abbazi tal-artikolu 405 tal-Kodici Kriminali, jitlob lil Qorti Istruttorja tisma u tigbor il-provi.

Sew quddiem il-Qorti Kriminali u sew quddiem il-Qorti tal-Magistrati min ikun mixli b'akkuza kriminali jkollu l-garanziji kollha li jipprovdi l-ordinament guridiku penali ta' pajjizna u r-rikorrent ma jaghtix ragunijiet ghalfejn mhux qed ikollu smigh xieraq fil-kawza. Ilment ta' smigh xieraq ghandu jigi mistharreg fil-kumpless shih tal-proceduri u mhux fuq xi fazi izolata tieghu.

L-insistenza tal-Avukat Generali li jinstemaw certu xhieda bhal Analdo Venghuas u Valerie Cerello fost ohrajn hija ibbazata fuq il-fatt li dawn il-persuni kienu involuti direttament fir-reat li qed jigi akkuzat li wettaq ir-rikorrenti u cioe dak ta' assocjazzjoni u traffikar ta' droga u allura x-xhieda taghhom hija importanti.

Dan kollu ghandu jittiehed ukoll f'kuntest fejn l-Avukat Generali ukoll ghandu d-dritt ghal-smigh xieraq u allura anke hu ghandu kull dritt li jara li l-gbir tal-provi ikun kemm jista' jkun shih sabiex bhala l-prosekutur ewlieni fil-Qorti Kriminali jipprezenta l-att ta' akkuza ghal-gudizzju tal-gurija u tal-Qorti. Hija skoncertanti ferm l-affermazzjoni tar-rikorrent meta fir-rikors promotur jghid li hemm xi abbuz mill-Aukat Generali.

Illi specifikatament dwar l-ilment ta' dewmien fil-proceduri huwa pacifiku kif konstatat anke mill-gurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smigh ta' process eccediex il-parametri tas-smigh fi zmien ragjonevoli huma l-komplessita tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza, l-imgieba ta' min ikun qed iressaq l-ilment, is-sehem tal-awtorita jew awtoritajiet relevanti — f'dan il-kaz l-agir ta' awtorita gudizzjarja fid-dewmien u fl-ahhar nett is-siwi ta x dak li l-parti ghandha x'titlef u tirbah mill-kaz taghha quddiem il-qrati — Sydney Ellul Sullivan vs Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali, 28/1/2013, Qorti Kostituzzjonali.

Illi hu accettat illi ma hemm l-ebda 'time limit' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proceduri quddiemha ghax altrimenti l-interessi tal-gudizzja jigu pregudikati minhabba ghaggla zejda u inkonsulta.

Illi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkonsidra b'mod serju t-talba tar-rikorrenti jrid jigi ppruvat illi mhux biss il-kaz dam pendenti izda li tali dewmien huwa wiehed kapriccuz u intiz biex jizvantaggahom fit-tgawdija tad-drittijiet taghhom skont il-ligi.

Illi r-rikorrent tressaq bl-arrest quddiem il-Qorti tal-Magisrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja nhar it-29 ta' Lulju 2015 akkuzat bi traffikar ta' droga u erbgha snin wara l-kawza ghadha ghaddejja. Tenut kont tan-natura serjissima tar-reati, erbgha snin mhuwiex perjodu daqshekk twil u komplessivament ma jirrizultax li kien hemm xi nuqqasijiet lampanti minn naha tal-partijiet fil-kawza u lanqas jirrizulta li kien hemm xi nuqqasijiet lampanti tal-Qrati fir-rigward ta' dewmien.

Illi in vista tas-suespost ma hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent.

Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

BI-ispejjez.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Talba u kontestazzjoni**

Illi permezz tar-rikors promotur ir-rikorrent qieghed jallega ksur ta' smigh xieraq kif jipprovdi l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ibbazat fuq l-ilment li l-proceduri kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Edgar Del Valle Yendez Gonzalez qed idumu biex jigu konkluzi.

L-intimat wiegeb li huwa legittimu li jekk ghad fadal aktar provi x'jitressqu l-Avukat Generali, abbazi tal-artikolu 405 tal-Kodici Kriminali, jista' jitlob lil Qorti Istruttorja tisma' u tigbor il-provi li jonqos.
Ir-rikorrent ma jaghtix ragunijiet ghalfejn hu mhux qed ikollu smigh xieraq fil-kawza. Ilment ta' nuqqas ta' smigh xieraq ghandu jigi mistharreg fil-kumpless shih tal-proceduri u mhux fuq xi fazi izolata tieghu.

L-intimat qed jinsisti ghal produzzjoni tax-xhieda Analdo Venghuas u Valerie Cerello fost ohrajn billi dawn il-persuni kienu involuti direttament fir-reat li qed jigi akkuzat li wettaq ir-rikorrenti u cioe dak ta' assocjazzjoni u traffikar ta' droga.

Illi hu accettat illi ma hemm l-ebda 'time-limit' li Qorti trid bilfors tosserva ghax altrimenti l-interessi tal-gudizzju jigu pregudikati minhabba ghaggla zejda u inkonsulta. Tenut kont tan-natura serjissima tar-reati, erba' snin mhuwiex perjodu daqshekk twil u komplessivament ma jirrizultax li kien hemm xi nuqqasijiet lampanti minn naha tal-partijiet fil-kawza u lanqas jirrizulta li kien hemm xi nuqqasijiet lampanti tal-Qrati fir-rigward ta' dewmien.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-ligi**

Ir-rikorrent qed jallega li gie miksur id-dritt fundamentali tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli protett fl-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

L-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jipprovdi li:

> Meta xi hadd ikun akkuzat b'reat kriminali huwa ghandu, kemm-il darba l-akkuza ma tigix irtirata, jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi.

Min-naha l-ohra l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jipprovdi li:

> Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa intitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi.

Taht il-Konvenzjoni Ewropea, ir-ragonevolezza taz-zmien fil-proceduri kriminali, huwa meqjus li jibda minn meta persuna tigi akkuzata. Iz-zmien jigi kkalkulat

sakemm jintemmu l-proceduri u dan isehh meta s-sentenza tigi determinata finalment.

L-intimat issottometta li lment ta' nuqqas ta’ smigh xieraq ghalhekk ghandu jigi mistharreg fil-kumpless shih tal-proceduri u mhux fuq xi fazi izolata tieghu.

Ghalkemm dana huwa minnu, il-Qorti tqis li meta minn ezami tal-process kompjut jirrizulta li gia hemm dewmien eccessiv u irragonevoli fil-proceduri, u jkun ukoll evidenti li d-dritt tal-persuna li tallega l-vjolazzjoni jkun qed jigi intralcjat jew x’aktarx ser jigi intralcjat, mhux legalment konsentit li l-qorti tibqa’ tistenna sakemm il-process kollu jinghalaq biex tiddeciedi hemmx lezjoni jew le. Jista’ jaghti l-kaz li mbaghad ikun tard wisq jew dak li jkun jibqa’ minghajr rimedju.

Kif gie deciz fil-kaz **Galea and Pavia vs Malta** (Applications 77209/16 and 77225/16) il-Qorti ta’ Strasburgu qalet hekk:

> The Court reiterates that the reasonableness of the length of proceedings must be assessed in the light of the circumstances of the case and with reference to the following criteria: the complexity of the case, the conduct of the applicant and the relevant authorities and what was at stake for the applicant in the dispute (see, among many other authorities, Frydlender v. France (GC), no. 30979/96, § 43, ECHR 2000-VII, and Zarb v. Malta, no. 16631/04, § 34, 4 July 2006).

Kif gie konstatat anke mill-gurisprudenza lokali l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smigh ta' process eccediex il-parametri tas-smigh fi zmien ragjonevoli huma l-komplessita tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza, l-imgieba ta' min ikun qed iressaq l-ilment, s-sehem tal-awtorita jew awtoritajiet relevanti - f'dan il-kaz l-agir ta' awtorita gudizzjarja fid-dewmien u fl-ahhar nett is-siwi ta' dak li l-parti ghandha x'titlef u tirbah mill-kaz taghha quddiem il-qrati **Sydney Ellul Sullivan vs Kummissariu tal-Pulizija et**, (Kost 28/01/2013).

Ir-ragonevolezza taz-zmien ma jitkejjilx biss bit-tul u lanqas fl-astratt, imma fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Il-Qorti issa sejra tqis jekk kemm-il darba fil-kaz li ghandha quddiemha kienx hemm tassew ksur tar-regola taz-zmien ragonevoli fid-dawl tal-kriterji li ssemmew aktar qabel.

**Provi u rizultanzi**

Il-Qorti tinnota mill-atti tal-proceduri kriminali jirrizulta li:

Fit-30 ta' Lulju 2015 ir-rikorrenti gie mressaq il-Qorti akkuzat b'reati kriminali;

Fl-ewwel seduta quddiem il-Magistrat li kien se jisma' l-kumpilazzjoni, l-imputat ipprezenta certifikat mediku (fol. 18-19);

Fis-6 ta' Awwissu 2015 gie pprezentat il-proces verbal;

Il-kawza giet rikjamata ghat-13 ta' Awwissu 2015 meta xehdu l-Ispettur Jonathan Cassar, l-Ispizjar Godwin Sammut; PC1174 Adrian Sciberras; PC1026 Brandon Gauci; PC760 Christopher Saliba u PC482 Keith Muscat u nghata ordni ghall-iffirizar tal-assi tal-imputat ai termini tal-Artikoli 22A tal-Kap. 101 u 23A tal-Kap. 9 u l-Qorti ddikjarat li kien hemm prima facie kaz kontra l-imputat (fol. 40);

Fit-22 ta' Settembru 2015 il-Qorti semghet ix-xhieda mitluba fir-rinviju tal-Avukat Generali (fol. 48) cioe lil PC635 Alan Calleja; PC1124 Steve Borg; PS891 Oscar Baldacchino; PC1295 Dylan Abela u WPC44 Graziella Sciberras;

Fit-3 ta' Novembru 2015 il-Qorti semghet ix-xhieda mitluba fir-rinviju tal-Avukat Generali (fol. 69) cioe lil PC243 Clayton Frendo, PS239 Joseph Caruana u PS404 Paul Camilleri;

Fil-15 ta' Dicembru 2015 il-Qorti mix-xhieda mitluba fir-rinviju tal-Avukat Generali (fol. 87) semghet biss lil Godwin Sammut;

Fis-26 ta' Jannar 2016 gie ezibit il-proces verbal u l-Qorti, mix-xhieda mitluba fir-rinviju tal-Avukat Generali (fol. 123) semghet lil PS1086 Johann Micallef;

Fid-9 ta' Frar 2016 ix-xhieda/esperti ma lestewx l-inkarigu moghti lilhom;

Fil-15 ta' Marzu 2016 il-Qorti mix-xhieda mitluba fir-rinviju tal-Avukat Generali (fol. 131) semghet biss ix-xhieda ta' PS518 Anthony Degiovanni. L-esperti baqghu ma lestewx l-inkarigu;

Fil-26 ta' April 2016 il-Qorti mix-xhieda mitluba fir-rinviju tal-Avukat Generali (fol. 136) ma nstemghux xhieda ghax ma gewx notifikati fosthom Valerie Cerello; il-Qorti cahdet it-talba ghal liberta' provvisorja prezentata mill-imputat fil-22 ta' April 2016;

Fil-30 ta' Mejju 2016 il-Qorti mix-xhieda mitluba fir-rinviju tal-Avukat Generali (fol. 147) semghet biss lil Simone Finnochiaro;

Fil-11 ta' Lulju 2016 il-Qorti mix-xhieda mitluba fir-rinviju tal-Avukat Generali (fol. 151) semghet lil PS659 Jeffrey Hughes u Fiona Broome Camilleri;

Fil-22 ta' Awwissu 2016 il-Qorti mix-xhieda mitluba fir-rinviju tal-Avukat Generali (fol. 164) semghet lil Dr George Said;

Fil-27 ta' Settembru 2016 il-Qorti mix-xhieda mitluba fir-rinviju tal-Avukat Generali (fol. 206) semghet lil Dr Marisa Cassar u Simone Finocchiaro;

Fil-2 ta' Novembru 2016 il-Qorti mix-xhieda mitluba fir-rinviju tal-Avukat Generali (fol. 216) semghet lil Dr Martin Bajada u Spettur Jonathan Cassar;

Fil-6 ta' Dicembru 2016 il-Qorti mix-xhieda mitluba fir-rinviju tal-Avukat Generali (fol. 223) semghet lil Imelda Fede;

Fil-17 ta' Jannar 2017 il-Qorti semghet lil PS422 Noel Godwin Caruana u Marisa Borg;

Fil-28 Frar ta' 2017 il-Qorti mix-xhieda mitluba fir-rinviju tal-Avukat Generali (fol. 241) semghet lil Dr John Seychell Navarro;

Fil-6 ta' April 2017 ma nstemghu ebda xhieda;

Fil-18 Mejju ta' 2017 il-Qorti mix-xhieda mitluba fir-rinviju tal-Avukat Generali (fol. 254) semghet lil PS891 Oscar Baldacchino;

Fil-27 Gunju ta' 2017 il-Qorti mix-xhieda mitluba fir-rinviju tal-Avukat Generali (fol. 259) ma semghetx xhieda ghax l-imputat ma deherx;

Fil-11 ta' Lulju 2017 inbidel l-Avukat difensur;

Fil-11 ta' Awwissu gie pprezentat rikors ghall-helsien mill-arrest u fil-17 ta' Awwissu 2017 il-Qorti laqghet it-talba (fol. 270);

Fil-22 Awwissu ta' 2017 il-Qorti mix-xhieda mitluba fir-rinviju tal-Avukat Generali (fol. 274) ma semghetx xhieda;

Is-seduta tas-7 ta' Settembru 2017 gie differita mill-Qorti;

Fil-19 Ottubru ta' 2017 il-Qorti mix-xhieda mitluba fir-rinviju tal-Avukat Generali (fol. 280) ma semghetx xhieda;

Fil-30 ta' Novembru 2017 il-Qorti mix-xhieda mitluba fir-rinviju tal-Avukat Generali (fol. 284) semghet lil PS1026 Brandon Gauci;

Fil-4 ta' Jannar 2018 il-Qorti ddifferiet is-seduta;

Fil-8 ta' Frar 2018 l-imputat mhux notifikat;

Fil-22 ta' Marzu 2018 il-Qorti mix-xhieda mitluba fir-rinviju tal-Avukat Generali (fol. 296) semghet lil Vincent Ciliberti; Imedla Fede;

Fil-26 ta' April 2018 il-Qorti mix-xhieda mitluba fir-rinviju tal-Avukat Generali (fol. 303) semghet lil Spettur Frank Tabone u gie nominat l-espert Joseph Mallia;

Fil-6 ta' Gunju 2018 il-Qorti mix-xhieda mitluba fir-rinviju tal-Avukat Generali (fol. 308) semghet tal-espert Joseph Mallia;

Fil-18 ta' Lulju 2018 il-Qorti mix-xhieda mitluba fir-rinviju tal-Avukat Generali (fol. 314) semghet tal-espert Joseph Mallia;

Fil-3 ta' Ottubru 2018 il-Qorti mix-xhieda mitluba fir-rinviju tal-Avukat Generali (fol. 318 u 321) ma semghet ebda xhud;

Fil-7 ta' Novembru 2018 il-Qorti mix-xhieda mitluba fir-rinviju tal-Avukat Generali (fol. 328) ma nstemgha ebda xhud;

Fil-19 ta' Dicembru 2018 il-Qorti ddifferit is-seduta;

Fil-30 ta' Jannar 2019 b'riferenza ghal dak mitlub fir-rinviju tal-Avukat Generali (fol. 340) il-Prosekuzzjoni infurmat il-Qorti li Analdo Andres Venghaus f'dan l-istadju ma jistax jixhed; u fir-rigward ta' Valerie Cerello dan ghadu ma jistax tinsab;

Fil-6 ta' Marzu 2019 il-Qorti mix-xhieda mitluba fir-rinviju tal-Avukat Generali (fol. 343) ma semghet ebda xhieda;

Fil-10 ta' April 2019 il-Qorti mix-xhieda mitluba fir-rinviju tal-Avukat Generali (fol. 346) ma nstemgha ebda xhud. Il-Prosekuzzjoni infurmat il-Qorti li hemm proceduri kriminali pendenti kontra Analdo Andres Venghaus u ghadhom ma intraccjawx lil Valerie Cerello.

Fil-22 ta' Mejju 2019 il-Qorti ma semghetx xhieda u zammet ferm dak li ddikjarat fis-seduta precedenti dwar ix-xhieda li jonqos;

Fil-22 ta' Mejju 2019 il-Qorti ma semghetx xhieda u l-Prosekuzzjoni zammet ferm dak li ddikjart fis-seduta precedenti dwar ix-xhieda li jonqos;

Fil-3 ta' Lulju 2019 il-prosekuzzjoni iddikjarat li l-posizzjoni dwar iz-zewg xhieda baqghet l-istess;

Is-Seduta tas-7 ta' Awwissu 2019 giet differita mill-Qorti;

Fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2019 il-Prosekuzzjoni iddikjarat li jonqosha x-xhud Joseph Mallia;

Fil-24 ta' Ottubru 2019 l-avukat difensuri rrinunzja ghal patrocinju tal-imputat;

Fl-4 ta' Dicembru 2019 il-Prosekuzzjoni iddikjarat li ma harrkitx xhieda ghas-seduta; u li l-proceduri kriminali kontra Analdo Andres Venghaus ghadhom pendenti;

Is-seduta tal-7 ta' Jannar 2010 instemghet fl-assenza tal-imputat. Il-Prosekuzzjoni ma ressqet ebda xhieda u informat il-Qorti li l-posizzjoni dwar ix-xhieda ma tbiddlitx.

Fis-seduta tal-11 ta' Frar 2020 xehed Joseph Mallia u l-Proskeuzzjoni iddikjarat li fadallha li jixhdu Analdo Andres Venghaus u Valerie Cerello.

Fit- 24 ta' Marzu 2020 ma sarux seduti minhabba li l-Qorti kienet maghluqa minhabba l-pandemija Covid-19;

Fid-9 ta' Gunju 2020 il-kumpilazzjoni giet differita minhabba r-restrizzjonijiet tal-Covid 19;

Fl-10 ta' Lulju 2020 l-Avukat Generali hareg ir-rinvju a fol. 426 izda l-kumpilazzjoni giet differita minhabba r-restrizzjonijiet tal-Covid 19;

Fil-12 ta' Awwissu 2020 l-Avukat Generali hareg rinviju a fol. 429 imma l-kawza giet differita ghas-6 ta' Ottubru 2020;

Minn wara din id-data ma rrizultawx verbali ohra.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-kumpilazzjoni kontra Edgar Del Valle Yendez Gonzalez bdiet fil-30 ta' Lulju 2015 u sat-12 ta' Awwissu 2020 l-kumpilazzjoni ghadha sa llum mhux konkluza u l-Avukat Generali ghadu qed jibghat ir-rinviji biex jinstemghu x-xhieda li fadal jinstemghu. Fis-17 ta' Frar 2020 gietipprezentata l-kawza kostituzzjonali odjerna.

Fir-rigward tat-talba tar-rikorrent li gew miksura d-drittijiet tieghu fundamentali minhabba dewmien fil-proceduri, il-Qorti se tiehu in konsiderazzjoni l-perjodu minn meta huwa gie pprezenat il-Qorti bl-akkuzi kriminali sad-data tal-prezentata tal-kawza kostituzzjonali odjerna. Jigi rilevat li wara l-prezentata tal-kawza Kostituzzjonali kien hemm il-pandemija, u l-Qorti nghalqet u meta ma setghux isiru seduti hlief ghal xi eccezzjonijiet u meta reghet infethet il-Qorti, is-seduti bdew isiru b'certu restrizzjonijiet u protokolli.

Minn ezami tal-verbali jirrizulta li ghal l-ewwel ftit seduti l-Prosekuzzjoni ressqet ix-xhieda kif titlob il-ligi u nstemghu diversi xhieda f'kull seduta imbaghad wara dawn l-ewwel seduti, bdew isiru r-rinviji mill-Avukat Generali u kull darba l-Prosekuzzjoni ressqet biss wiehed u l-aktar tnejn kull seduta f'perjordu ta' circka erba snin meta fir-

rinviji kien qed jintalab numru akbar ta' xhieda x'jigu prodotti. Fil-fatt saru hamsin rinviju f'perjodu ta' bejn 2015 u l-bidu tal-2020.

Il-Qorti tirrileva li da parti tal-imputat ma kienx hemm tfixkil jew dilungar inutili hlief ghal xi differiment normali. Min-naha tal-Qorti s-seduti gew appuntati kwazi kull xahar jew xahrejn u da parti tal-Qorti d-differimenti kienu normali.

Fil-fehma tal-Qorti d-dewmien f'dana l-kaz kien fil-mod kif il-Prosekuzzjoni ressqet il-provi taghha u n-numru kbir ta' rinviji u wara hames snin l-kumpilazzjoni ghadha ma nqaltix.

L-intimat issottometta li huwa legittimu li jekk ghad fadal aktar provi x'jitressqu l-Avukat Generali, abbazi tal-artikolu 405 tal-Kodici Kriminali jista' jitlob lil Qorti Istruttorja tisma u tigbor il-provi li jonqos. Jinsisti li x-xhieda ta' Analdo Venghuas u Valerie Cerello fost ohrajn hija necessarja billi dawn il-persuni kienu involuti direttament fir-reat li qed jigi akkuzat li wettaq ir-rikorrenti u cioe dak ta' assocjazzjoni u traffikar ta' droga.

Ir-rikorrenti mhux qed jikkontesta d-dritt li l-Avukat Generali li jitlob u li jigbor l-provi li jkun jonqos biex il-process ikun komplut imma jsostni li l-ebda wiehed mix-xhieda rimanenti ma jista' jigi kklassifikat bhala xhud "gdid" billi dawn kienu maghrufin sewwa mill-prosekuzzjoni sa mill-bidu nett tal-proceduri u sahansitra sa anke minn qabel ma r-rikorrent tressaq taht arrest u gie akkuzat. Illi minkejja illi sa llum ghaddew iktar minn erba' (4) snin u sitt (6) xhur minn meta hu tressaq il-Qorti, il-proceduri tal-kumpilazzjoni ghadhom effettivament ma nghalqux, izda ghall-kuntrarju ghadhom ghaddejin b'mod interminabbli quddiem l-istess Qorti.

Fil-fehma tal-Qorti d-dewmien f'dan il-kaz ma kienx minhabba l-komplessita tal-kaz jew minhabba l-volum ta' xiehda, izda minhabba l-mod kif il-process tmexxa, li ma jhallix li process jibda u jintemm izda thalla jkarkar: il-gbir tax-xiehda saret bin-nifs, u s-seduti nhlew billi beda jinstema biss xhud wiehed ghal ftit minuti.

Illi jirrizulta ukoll mill-provi li l-Avukat Generali qed jinsisti li jinstemghu zewg xhieda, Analdo Venghuas u Valerie Cerello, li wiehed minnhom ghandu proceduri kriminali pendenti kontra tieghu u ‘l ohra ma tistax tigi rintraccjata. Jidher li dawn iz-zewg xhieda qed izommu lill-Avukat Generali mill-jipprezenta l-att ta’ akkuza. Dawn ix-xhieda ma jistghux jigu kklassifikati bhala xhieda godda jew li l-intimat ma kienx jaf bihom, billi dawn kienu maghrufin sewwa qabel mill-prosekuzzjoni u ilu zmien jipprova jipproducihom.

Ghalkemm it-talba tar-rikorrenti qed tkun indirizzata lejn il-ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent minhabba d-dewmien fil-produzzjoni tal-ahhar xhieda tal-prosekuzzjoni b’rizultat li l-proceduri ma jistghux jintemmu, huwa inevitabbli li l-ksur lamentat irid jigi mistharreg ukoll u b’mod sew jekk jigi meqjus fl-isfond tal-proceduri kollha kompjuti s’issa jew ta’ lanqas sal-mument meta tqanqal l-ilment relattiv.

Dejjem jinkombi fuq l-prosekuzzjoni l-oneru li tibqa’ taghmel minn kollox biex tressaq ix-xhieda biex jixhdu fil-kumpilazzjoni u mhux thalli kollox pendenti u tkompli tikkontribwixxi ghad-dewmien fl-istess proceduri kriminali.

Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tat-13 ta’ Lulju 2018 fir-Referenza **Il-Pulizija vs Silvio Zammit** fejn inghad :

> “Filwaqt illi huwa minnu li l-Qorti tal-Maggistrati bhala Qorti Istruttorja hija prekluza milli tiddikjara maghluqa l-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni, dan ma jfissirx illi l-istess prosekuzzjoni tista’ tabbuza mill-iter processwali.

Il-Qrati Ewropea fuq dewmien ta’ dan it-tip iddecidiet li “*whereas it may be sensible to hear cases against two or more accused persons together, this cannot “justify substantial delay” in the bringing of a case against any one of them*” (**Hentrick vs France** (1994) **Kemmache vs France** (1991). “*A fair balance has to be struck between the principle that judicial proceedings should be expeditious and the more general principle of the proper administration of justice*”. (**Boddaert vs Belgium** (1992)].

Ghalhekk jekk, biex l-intimat jressaq l-att tal-akkuza, jehtieglu illi jinghalaq il-gbir tax-xiehda, mela ghandu jsir dak kollu mehtieg biex il-gbir tax-xiehda jinghalaq fi zmien

ragonevoli u dan manifestament ma sarx f'dan il-kaz. Id-dewmien fil-gbir tax-xiehda ma jiggustifikax id-dewmien biex jitressaq l-att tal-akkuza. Il-problema tad-dewmien huwa wiehed sistematiku u mhux xi haga li laqtet biss lil dan il-kaz partikolari. Minkejja l-hafna kazi ta' dewmien li dwarhom inghatat kundanna minn dawn il-qrati, il-problema baqghet ma gietx indirizzata.

Il-Qorti ghalhekk hi tal-fehma li zmien ta' kwazi hames snin biex imqar jinhareg l-att ta' akkuza huwa zmien twil wisq li ma jistax jitqies bhala zmien ragonevoli, aktar u aktar fil-kuntest ta' proceduri kriminali bhal ma huma dan il-kaz.

**Rimedju**

Ir-rikorrenti talab li dina l-Qorti tipprovdi dawk ir-rimedji effettivi u taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xieraq sabiex twettaq, jew tassigura t-twettiq tad-disposizzjonijiet tal-imsemmija Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fundamentali.

Il-Qorti tirrileva li l-proceduri penali kontra r-rikorrent ghadhom ma nghalqux, u jonqos aktar zmien biex jintemmu. Ghal dan id-dewmien il-Qorti se takkorda s-somma ta' €2,500 bhala kumpens non-pekunarju. Dan l-ammont qed jiehu in konsiderazzjoni l-fatt li "*a lesser amount of compensation is apparently acceptable if the redress offered also has an accelerating effect on proceedings*" (**Scordina vs Italy** 29/3/2006).

Il-Qorti tirrileva li l-proceduri penali kontra r-rikorrent ghadhom ma nqatghux, u ghad fadlilhom aktar zmien biex jintemmu. Il-kumpens ghal dewmien li dwaru l-Qorti se taghti kumpens mhux kumpens ghal dewmien biex finalment jintemmu l-proceduri izda d-dewmien biex jinhareg l-att ta' akkuza. Bhala rimedju l-Qorti se taghti wkoll terminu li fih l-intimat ghandu jaghlaq il-proceduri u ghalhekk il-kumpens se jiehdu in konsiderazzjoni anke dan il-fatt, ghax kif gie deciz fil-kaz **Scordina vs Italy** (29/03/2006) "*a lesser amount of compensation is apparently acceptable if the redress offered also has an accelerating effect on proceedings*".

Fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi qed tillikwida l-ammont ta' €2,500 bhala kumpens non-pekunarju li ghandu jithallas lir-rikorrent.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrent u tiddikjara li gie miksur id-dritt fundamentali tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli protett fl-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

Tikkundanna lill-intimat ihallas is-somma ta' €2,500 bhala danni non-pekunarji lir-rikorrent; u

Tordna li Avukat Generali sabiex mhux aktar tard minn tlett xhur mid-data ta' din is-sentenza jaghlaq il-provi tal-prosekuzzjoni u jressaq l-att ta' akkuza fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Edgar Del Valle Yendez Gonzalez" fuq riferita u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas kumpens ulterjuri ta' €50 kulljum sakemm jinhareg l-att ta' akkuza.

Spejjez ghall-intimat.

Mark Chetcuti

Prim Imhallef

Anne Xuereb

Deputat Registratur